**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 4 ta' Novembru 2019**

**Talba Numru 559/2018SFJ**

***Argus Insurance Agencies Limited (C597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Methode Electronics Malta Limited (C664) abbażi tal-polza tal-assigurazzjoni tat-tip Marine Cargo u tal-liġi, u l-istess Methode Electronics Malta Limited (C664)***

***vs.***

***Cauchi Transport Services Limited (C19185)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2018 li permezz tiegħu l-atturi ippremettew u talbu:

1. *Fit-8 ta' Awwissu 2017 seħħ inċident fil-grounds tal-fabbrika tal-attriċi Methode Electronics, Mrieħel Industrial Estate, fejn ġiet danneġġjata merkanzija proprjetà tal-istess attriċi konsistenti f'numru ta' copper reels waqt li l-merkanzija kienet qegħda tiġi ikkonsenjata lill-istess soċjetà minn impjegati tas-soċjetà konvenuta. L-istess inċident seħħ unikament bħala riżultat tat-traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti għall-ħarsien adekwat tal-merkanzija mill-persuni inkarigati mis-soċjetà konvenuta;*

2. *Bħala riżultat ta' dan, is-soċjetà attriċi sofriet danni fl-ammont ta' erbat elef u ħames mija u tnejn u disgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€4,592.12) u li għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi Argus Insurance Agencies Limited noe ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni minnha maħruġa lill-attriċi Methode Electronics Limited lis-soċjetà assigurata tagħha.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali diġà mibgħuta lill-konvenuta fis-17 ta' Lulju 2018 kontra s-soċjetà konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali.*

Ra r-Risposta tas-soċjetà konvenuta ippreżentata fis-26 ta' April 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

*It-talbiet attriċi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi u dan għar-raġunijiet segwenti:*

1. *L-eċċipjenti ma kienet b'ebda mod responsabbli għall-allegat inċident tat-8 ta' Awwissu 2017.*

2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont pretiż hu esaġerat u mhux reali.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tat-2 ta' Ottubru 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-4 ta' Novembru 2019.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

Fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2019 l-atturi ippreżentaw nota bl-affidavits ta' **Paul Ellul**, **Max Borg Bonello** u **Brian Galea**.

Ix-xhud **Max Borg Bonello** spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' *claims manager* fi ħdan Argus Insurance Agencies Limited u kompla jgħid li s-soċjetà Methode Electronics Malta Limited kienet ħarġet polza ta' assigurazzjoni tat-tip *Marine Cargo* tramite Island Insurance Brokers. Fit-8 ta' Awwissu 2017 infetħet *claim* rigward dannu li sar fuq *copper reels* ta' Methode Electronics Malta Limited waqt li l-istess *copper reels* kienu qegħdin jiġu ikkonsenjati minn impjegati tas-soċjetà konvenuta. Kien tqabbad is-*surveyor* Paul Ellul sabiex jispezzjona l-merkanzija u jħejji *survey report*. L-ispejjeż professjonali tiegħu kienu jammontaw għal tlett mija u erbgħa u ħamsin Ewro (€354). Fid-dawl ta' dan ir-rapport, Argus Insurance Agencies Limited ħallset lil Methode Electronics Malta Limited is-somma ta' erbat elef u mitejn u tmienja u tletin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€4,238.12) in konnessjoni mal-istess *claim*. Ellul kien issolleċita lis-soċjetà konvenuta sabiex tersaq għall-ħlas tas-somma relattiva u avża li jekk dan ma jsirx, kienu ser jittieħdu proċeduri ulterjuri permezz tal-qrati. Ix-xhud ippreżenta kopja ta' ittra uffiċjali.

Ix-xhud **Paul Ellul** xehed li huwa kien *surveyor* li jopera taħt l-isem *Paul Ellul Survey & Consultancy* u li kien ilu jagħmel dak ix-xogħol għal erbgħin sena. Kompla jixhed li fit-30 ta' Awwissu 2017 kien ġie inkarigat minn Argus Insurance Agencies Limited sabiex jinvestiga *claim* li kienet infetħet minn Methode Electronics Malta Limited wara inċident li kien seħħ fit-8 ta' Awwissu 2017 waqt li kienet qed tiġi ikkonsenjata xi merkanzija mill-impjegati tas-soċjetà konvenuta. Mill-investigazzjonijiet tiegħu, Ellul

ikkonstata li l-valur tal-merkanzija kien ta' ħamest elef u mija u sebgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€5,170.12) u żied disgħa u sittin Ewro (€69.00) rappreżentanti *freight and handling charges* maħduma skont il-prassi proporzjonatament għall-piż tal-merkanzija. Methode Electronics Malta Limited għażlet li żżomm il-merkanzija iddanneġġjata li wara d-dannu, Ellul kien ikkalkula li kienet tiswa elf Ewro (€1,000.00). Abbażi ta' dan, huwa irrakkomanda li Argus Insurance Agencies Limited iħallsu lil Methode Electronics Malta Limited is-somma ta' €4,238.12, ikkalkulata hekk:

€5,170.12 + €69.00 = €5,239.12
€5,239.12 - €1,000.00 = **€4,239.12**

Ellul kompla jixhed li kien tħallas id-drittijiet professjonali tiegħu li kienu jammontaw għal tlett mija u erbgħa u ħamsin Ewro (€354) u li kien talab lis-soċjetà konvenuta sabiex tersaq għall-ħlas. Tentattivi għal transazzjoni bejn il-partijiet ma rnexxewx.

Ix-xhud **Brian Galea** xehed li hu kien *External Logistics Managing Principal* fi ħdan Methode Electronics Malta Limited. Hu ma kienx ikun preżenti waqt il-ħatt u l-ġarr tal-merkanzija. Galea ikkonferma l-eżistenza ta' polza ta' assigurazzjoni u spjega li fiż-żmien tal-inċident, Methode Electronics Malta Limited kienet dejjem tqabbad lis-soċjetà konvenuta sabiex tittrasporta u tħott il-merkanzija li tkun impurtata minn barra minn Malta u li tasal fil-kumpless ta' Methode Electronics Malta Limited f'Ħal Far. Fit-8 ta' Awwissu 2017, fil-qasam industrijali tal-Imrieħel, xi *copper reels* tal-istess soċjetà ġew iddanneġġjati fil-proċess li jinħattu mill-impjegati tas-soċjetà konvenuta. Wara dan, saret *claim* u saret spezzjoni mis-*surveyor* Paul Ellul.

Is-soċjetà konvenuta ma ressqitx provi.

<u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

L-azzjoni proposta mill-atturi tibbaża ruħha fuq il-Kap. 486 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija) li jinkorpora fil-liġijiet ta' Malta l-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt għall-Ġarr Stradali tal-Merkanzija. L-Art. 17(1) tal-Konvenzjoni jgħid:

"*The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery.*"

L-Art. 17(2) tal-Konvenzjoni jispjega meta l-*carrier* ma jkollux ħtija u jgħid:

"*The carrier shall, however, be relieved of liability if the loss, damage or delay was caused by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as the result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*"

L-Art. 18(1) tal-Konvenzjoni jgħid:

"*The burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the causes specified in article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier.*"

L-affidavits ippreżentati essenzjalment jgħidu tlett affarijiet <u>biss</u>:

- Li seħħ incident fit-8 ta' Awwissu 2017;

- Li xi *copper reels* ġew iddanneġġjati; u
- Li nfetħet *claim* minn Methode Electronics Malta Limited mal-assiguratriċi Argus Insurance Agencies Limited.

It-Tribunal jirreferi għas-*survey report* li jinsab a fol. 42 sa 45 tal-proċess. It-tieni taqsima tar-rapport iffirmat minn Paul Ellul, intestata "*Survey held on the 30th August 2017*", għandha s-segwenti kitba (enfasi miżjuda mit-Tribunal):

> "***<u>We were informed</u>*** *that the consignment in question consisted of 4 packages Copper Reels which were carried to Malta as groupage cargo in Trailer No. ETM 226. The freight forwards/trailer operators involved were Express trailer Limited of Luqa. The laden trailer No. ETM 226 arrived at Malta on the 7th August 2017 per m/v Eurocargo Venezia. On the 8th August the insured's sub-contracted hauliers, Cauchi Transport Services Limited of Hamrun, collected goods from the bonded stores of Express Trailers Limited at Hal Far and delivered to consignees' premises at Mriehel.* ***<u>We understand that</u>*** *during the unloading of the cargo, the haulier's driver dropped one Copper Reel and relative reel suffered damages. The insured held the hauliers responsible for the resultant damages to the copper reel. Together with consignees we inspected the damaged copper reel and the following was found:*
>
> *The damaged copper reel was Reel No. 83700, which had a Gross Weight of 383.00kgs. The copper reel was found packed in loose polythene sheeting, having top and bottom cardboard covers and internal wooden blocks. Relative reel was packed on a wooden pallet. One side of the packing was found torn and the section of the reel in way of the torn packing was found indented approximately 10cm, furthermore the core of the reel was found distorted (Photographs 1 – 9).*"

Madankollu, hemm diversi domandi li ma ġewx imwieġba permezz tax-xhieda mressqa, fosthom:

- X'tip ta' inċident seħħ fit-8 ta' Awwissu 2017?
- Min kienu l-persuni preżenti qabel, waqt u wara l-inċident?
- Min kienu l-persuni li kienu qegħdin jikkonsenjaw u jħottu l-*copper reels*?
- Min kien qiegħed imexxi l-operazzjoni?
- Min kien qiegħed jopera l-makkinarju?
- Min kien is-sewwieq involut fil-inċident?
- X'jisimhom l-impjegati involuti fl-operazzjoni kollha?
- Kif setgħet is-soċjetà Methode Electronics Malta Limited tkun ċerta li l-*copper reels* ma kinux b'xi mod iddanneġġjati *ab initio*?

Paul Ellul ma ra xejn mill-inċident u mill-paragrafu ikkwotat, jidher ċar li hu kiteb affarijiet li ntqalu lilu. Ma hemm ebda tagħrif dwar min ipprovda din l-informazzjoni lil Ellul u mhux spjegat <u>kif</u> huwa seta' jgħid f'dokument maħluf (fol. 41) li "*l-merkanzija kienet qegħda tiġi ikkonsenjata minn impjegati tal-kumpannija Cauchi Transport Services Limited.*"

Ix-xhud Brian Galea qal ċar (fol. 49) li x-xogħol tiegħu kien isir minn uffiċċju u li hu ma kienx preżenti. Galea ma spjegax kif sar jaf li d-dannu seħħ "*waqt li din kienet qed tinħatt minn impjegati tal-kumpannija Cauchi Transport*". Għalhekk, it-Tribunal jistaqsi kif ix-xhud Brian Galea seta' jgħid b'ċertezza li l-*copper reels* kienu jegħdin jinħattu mill-impjegati tas-soċjetà konvenuta.

Ix-xhud Max Borg Bonello kien jaf biss li nfetħet *claim*. Meta fit-tielet paragrafu tal-affidavit tiegħu (fol. 27) Borg Bonello qal li d-danni subiti seħħew meta l-merkanzija kienet qed tiġi ikkonsenjata minn impjegati tas-soċjetà konvenuta, assolutament mhux magħruf kif waslet għandu din l-informazzjoni meta hu lanqas biss huwa impjegat ta' Methode Electronics Malta Limited iżda tas-soċjetà assiguratriċi Argus Insurance Agencies Limited. Ma jidhirx li Borg Bonello seta' jgħid f'dokument maħluf li l-merkanzija relattiva kienet qed tiġi ikkonsenjata mis-soċjetà konvenuta. Għalhekk, dak il-paragrafu ma jammontax għal prova solida.

L-atturi argumentaw li t-Tribunal għandu japplika ċjekament l-Art. 18 tal-Konvenzjoni u b'hekk ikun jinkombi fuq is-soċjetà konvenuta li ġġib prova li l-inċident ma seħħx stante nuqqasijiet tagħha iżda stante nuqqasijiet tas-soċjetà Methode Electronics Malta Limited. Fit-trattazzjoni saret referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Middlesea Insurance plc et vs. Express Trailers Limited*** deċiża fis-27 ta' Ġunju 2014. **F'dik is-sentenza, kemm il-Prim' Awla kif ukoll il-Qorti tal-Appell kellhom quddiemhom provi biżżejjed tant li setgħu jagħmlu eżami approfondit tal-fatti u jiddiskutu l-istess fatti fid-dettal. F'dik is-sentenza, kien ben spjegat li s-sinistru relattiv kien jinvolvi s-serqa tal-merkanzija li kellha tiġi ikkonsenjata u kien hemm provi ċari dwar min kien responsabbli għat-*trailer* u f'liema ħin u anki dwar il-port li minnu għaddiet il-merkanzija qabel insterqet.**

**Għall-kuntrarju, f'dan il-każ, it-Tribunal jaf biss li fit-8 ta' Awwissu 2017 seħħ inċident li ikkawża ħsarat fuq *copper reel* waħda. Mhux magħruf eżattament kif seħħ l-inċident, min ikkawżah u eżattament min kienu n-nies preżenti fid-data u fil-ħin in kwistjoni. Lanqas biss hu magħruf f'liema ħin tal-ġurnata seħħ l-inċident. Jekk wieħed ikun assolutament strett fl-eżami tal-fatti, jista' saħansitra jingħad li lanqas hemm xi prova ċarissima li l-inċident verament seħħ b'tort tas-soċjetà konvenuta u dan għar-raġuni li għalkemm xi xhieda semmew is-soċjetà konvenuta b'isimha, ma spjegawx ir-rabta bejn l-inċident u s-soċjetà konvenuta.**

It-Tribunal jinnota li l-atturi setgħu faċilment talbu l-ħruġ ta' mandat għal taħrika ta' xhud sabiex jittellgħu jixhdu l-persuni li kienu preżenti fil-ġurnata u l-ħin in kwistjoni. Jekk l-atturi ma kinux jafu min attwalment kienu l-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta li kienu preżenti, setgħu ħarrku lid-diretturi tas-soċjetà konvenuta sabiex jixhdu dwar il-fatti. Għal xi raġuni, dan ma sarx.

L-Art. 18(1) tal-Konvenzjoni jgħid li l-oneru tal-prova jinkombi fuq is-soċjetà konvenuta iżda biss meta din trid iġġib prova li d-dannu, telf jew ħsara jkunu seħħew "*by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as the result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*"[1]

Fin-nuqqas ta' provvediment għall-kuntrarju, l-oneru tal-prova dejjem jibqa' jinkombi fuq dak li jallega. Jingħad ukoll, għal skopijiet ta' kompletezza, li dak deskritt mill-Art. 18(1) tal-Konvenzjoni huwa dak li normalment isir fl-ordinament ġuridiku tagħna – jiġifieri li kull parti f'kawża tfittex li tipprova, permezz tal-provi li jidhrilha xierqa li tippreżenta, il-korrettezza tal-verżjoni tagħha u l-inkorrettezza tal-verżjoni vantata mill-parti avversarja.

It-Tribunal iħoss fqir wisq ir-raġunament tal-atturi li essenzjalment huwa li f'data partikolari seħħ inċident, iżda dak l-istess inċident ma ġie spjegat la b'mod dettaljat u lanqas biss b'mod ġenerali.

Għalhekk, l-Art. 18(1) tal-Konvenzjoni suċitat ma jistax jittieħed li jfisser li mhux bżonnjuż li l-atturi jressqu l-provi tagħhom jew li ma hemmx għalfejn li l-provi tal-atturi jilħqu l-grad tal-prova solitament applikabbli fil-kamp ċivili. Ir-rabta bejn id-dannu u l-azzjonijiet jew omissjonijiet tas-soċjetà konvenuta (f'dan il-każ) xorta trid tkun ippruvata sal-grad applikabbli fil-kamp ċivili.

[1] Ara l-Art. 17(2) tal-Konvenzjoni.

Huwa stabbilit li salv għal dak ipprovdut fil-Konvenzjoni, japplikaw in-normi stabbiliti fl-ordinament ġuridiku Malti u fil-ġurisprudenza.

Ġie spjegat mill-Prim' Awla fis-sentenza fl-ismijiet ***David Brincat et vs. Francis Sammut et***, deċiża fit-28 ta' Ġunju 2016 illi:

> "*Ghas-success ta' azzjoni bhal dik de quo, hemm il-htiega li l-atturi konkretament jistabblixxu u jipprovaw, fil-grad rikjest mill-ligi f'kawzi simili, tlett ingredjenti fundamentali b'mod kumulattiv ossija:*
>
> > *i. fl-ewwel lok, li kien hemm kondotta kolpuza tal-konvenuti li tirradika l-htija ai termini tad-disposizzjonijiet pertinenti tal-Kodici Civili;*
> >
> > *ii. fit-tieni lok, li jaghtu prova tal-hsara minnhom subita u tali prova ghandha tkun materjali u konkreta; u*
> >
> > *iii. fit-tielet u l-ahhar lok, li jirnexxielhom jorbtu l-ewwel punt mat-tieni wiehed tramite ness ezjologiku ta' kawzalita, li jfisser li kienet il-kondotta kwazi-delittwuza tal-konvenuti li direttament kkagunat is-sinistru (hsarat lamentati).*
>
> *Illi huwa pacifikament assodat illi biex Qorti ssib htija u responsabbilita fil-kondotta ta' ndividwu, u sussegwentement dan jigi kkundannat jindennizza lid-danneggjat fl-ambitu tal-kolpa extra-kontrattwali (senjatament fil-kwazi-delitti fejn hemm mankanti d-dolo), dak l-aspett li ghandu jigi ezaminat huwa l-kondotta materjali li l-allegat danneggjant assuma. Tali kondotta tista' tkun kemm kommissiva u kemm ommissiva. Hu dan il-komportament li ghandu jigi dettaljatament valutat, sabiex fih jigu ritraccjati, inter alia, jekk kienx hemm xi mankanzi fid-dover ta' hsieb, prudenza u diligenza ta' bonus paterfamilias, jew ezistenza ta' negligenza fid-doveri imposti mill-ligi, jew ta' traskuragni, sfrontatezza jew imprudenza li tikkostitwixxi att jew fatt illecitu rizarcibbli.*"

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet ***Dr H. Lenicker vs. J. Camilleri***[2], deċiża fil-31 ta' Mejju 1972 li fiha ntqal hekk:

> "*… f'kawża ċivili l-attur li jallega li ġratlu ħsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma tistax ikollha eżitu favorevoli.*"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ***Chef Choice Limited vs. Raymond Galea et***, deċiża fis-26 ta' Settembru 2013, il-Prim' Awla qalet:

> "*Illi huwa aċċettat li biex persuna tista' tinsab responsabbli għall-ħsara li ħaddieħor ikun ġarrab bl-egħmil ta' dik il-persuna, m'huwiex meħtieġ li l-egħmil waħdu ta' dik il-persuna ikun il-kawża waħdanija tad-dannu mġarrab, għaliex biżżejjed jintwera s-sehem ta' dik il-persuna bin-negliġenza jew bir-rieda tagħha biex jintrabat magħha l-piż tar-responsabilità għal dak li jkun ġara. Iżda biex is-sehem ta' dik il-persuna jnissel il-ħtija u r-responsabilità li tiġi magħha, jeħtieġ jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-liġi) li dik il-ħtija nisslet id-dannu attwalment imġarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ippruvat b'mod ċert. Ir-rabta tal-kawżalità hija meħtieġa tabilfors;*"

Hekk ukoll, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi***, deċiża fit-12 ta' April 2007, fakkret:

[2] Ikkwotata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza ***Peter Paul Aquilina vs. Paul Vella***, deċiża fit-2 ta' Mejju 1995.

> "*Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor).*"

Finalment, u partikolarment relevanti għal każ bħal dan, it-Tribunal jieħu nota ta' dak stabbilit mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha ***Air Malta plc et vs. Malta International Airport plc*** (deċiża fit-30 ta' Settembru 2016:

> "*Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li biex tirnexxi azzjoni ghad-danni kkawzati minn delitt jew kwazi delitt, mhux bizzejjed li l-attur jipprova li sofra xi hsara fil-proprjet tieghu, izda jehtieg ukoll li jipprova li dik il-hsara tkun gejja mill-agir tal-konvenut jew li dan b'xi mod ikkontribwixxa ghaliha (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-23 ta' Novembru, 1984, fil-kawza fl-ismijiet **Piju Bezzina v. Indri Galea**).*"

It-Tribunal jikkonkludi li fid-dawl tal-konstatazzjonijiet hawn fuq magħmulin, l-azzjoni kif proposta ma tinsabx spjegata u ippruvata sal-grad rikjest mill-liġi.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad it-talbiet kollha tal-atturi.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**